MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Talba Numru. 1396/2003

**Nathalie Mizzi f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza tat-tifla minuri taghha Laura Rio**

**Vs**

**B'digriet tas-16 t'Ottubru 2003 gie nominat Dr Mark Busuttil bhala Kuratur Deputat sabiex jirapprezenta lill-assenti Calogero Rio**

**It-Tribunal**

It-Tribunal ra l-Avviz li fih l-attrici talbet il-hlas ta' Lm480.00c (erba' mija u tmenin lira Maltin) rapprezentanti manteniment ghax-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Gunju u Lulju 2003 skond kuntratt ta' separazzjoni.

Ra r-Risposta ta' Dr Mark Busuttil fejn qal li ghandu jigi riservat id-dritt li jressaq l-eccezzjonijiet necessarja minhabba li Calogero Rio ma jinstabx hawn.

Ra r-Rikors ta' l-attrici fejn tghid illi Calogero Rio ilu assenti minn dawn il-gzejjer ghal diversi xhur.

Ra x-xhieda ta' Dr Chris Busietta li kkonferma li l-ammont ghadu dovut u Dr Mark Busuttil talab iktar zmien biex jirregola ruhu.

Ra s-seduta tal-5 t'April 2004 fejn xehdet Nathalie Mizzi billi kkonfermat li l-ammont ghadu dovut u ma tafx fejn jinstab Calogero Rio.

Ikkunsidra li t-talba attrici m'hijiex ikkontestata.

Ghaldaqstant, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Calogero Rio sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' Lm480.00c (erba' mija u tmenin lira Maltin) bl-imghax mill-5 ta' Novembru 2003 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------